## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

**IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. MICHAEL FENECH CONTI (KI. 281894M)**

**MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK**

**13/09/2022**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lil Michael Fenech Conti** **Bin Robert u Suzzanne nee’ Chetcuti Ganado mwieled fl-04/07/1994**
**Pieta’ u joqghod 5, Ivy Corner, Fl 2, Triq Salvu Mifsud, Lija**
**ID. 281894M**

**BILLI inti akkuzat/a** talli fl-04/10/2021 ghall-habta ta' 09:45 hrs u, gewwa Triq Limiti ta' Hal Mann, Lija u f'dawn il-gzejjer Maltin

1. Soqt 'e-kickscooter' S/N SCI2001915 minghajr licenzja ta' registrazjoni **Reg. 3(1), L.S. 65.32** €500
2. Soqt l' imsemmi 'e-kickscooter' minghajr pjanca bin numru ta' registrazzjoni jew sticker mwahhla skond kif mitlub mill- Awtorita ghat- trasport f' Malta **Reg. 3(5), L.S. 65.32**
3. Inqast li twahhal il- licenzja ta' cirkolazzjoni annwali mal- imsemmi 'e-kickscooter' **Reg. 3(6), L.S. 65.32**
4. Uzajt 'e-kickscooter' fit-toroq minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni **Reg. 4, L.S. 65.32**
5. Waqt li kont qed issuq l-imsemmi 'e-kickscooter' fit-triq kont obligat li f'kull hin tosserva u tobdi r-regolamenti tat-traffiku u cioe' soqt kontra d-direzzjoni opposta tat-traffiku **Reg. 6, L.S. 65.32**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta’ PS 1301 Christian Bonello (Affidavit), Fran Jessica Marie Vella u Brian Farrugia (Transport Malta);

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Mix-xhieda ta' Fran Jessica Marie Vella rriżulta illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi seħħet kolliżjoni bejn il-vettura li kienet qed tiġi misjuqa minnha u l-*e-kickscooter* li kienet qed tiġi misjuqa mill-imputat. PS 1301 Christian Bonello xehed illi meta l-Pulizija marru fuq il-post il-vetturi kienu diġa ġew mċaqalqa u l-imputat kien diġa ttieħed l-isptar. Hija għarfet lill-imputat bħala l-persuna li rat fuq l-*e-kickscooter.*

L-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet jirriżultaw għaliex ġie ppruvat kemm is-sewqan u kif ukoll il-fatt li l-*e-kickscooter* ma' kienetx irreġistrata ma' Transport Malta u ma' kelliex polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riski ta' terzi persuni.

Il-piena għar-reat ravviżat fit-tielet imputazzjoni m'hijiex stabbilita fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.32 u għalhekk ai termini tal-Art. 28(1) tal-istess L.S, japplikaw il-pieni stabbiliti band'oħra, f'dan il-każ il-piena stabbilia taħt l-Art. 44(7) tal-L.S. 368.02. Il-Qorti pero ma' tistax teroga l-piena applikabbli għaliex kif ġie deċiż numru ta' drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1], l-pieni taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma' pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi.

Il-ħames imputazzjoni ma' tirriżultax għaliex il-Pulizija qagħdet biss fuq il-verżjoni tax-xhud Fran Jessica Marie Vella li t-triq in kwistjoni kienet *one-way* u ma' tressqitx l-aqwa prova f'dan ir-rigward.

Għal kull bwon fini l-Qorti tiddikjara li hija ma' kkunsidratx dak kollu li seta' qal jew ma' qalx l-imputat lill-Pulizija sabiex wasslet għal din is-sentenza u dan għal raġuni illi l-imputat ma' ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat qabel u waqt l-istqarrija tiegħu.

**Deċiżjoni**

---

[1] Ara fost oħrajn **Pulizija v. Carmelo Sammut** (App Krim 85/2015 GG, 30/10/2017) u **Pulizija v. James Zammit** (App Krim 66/2021 GG, 29/11/2021)

Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru 3 u 5, wara li rat ir-Regolamenti 3(3), 3(5) u 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.32 qegħda ssibu ħati tal-imputazzjonijiet numru 1, 2 u 4.

Tikkundannah iħallas il-multi fis-somma komplessiva ta' € **2,900** pagabbli f' **29** pagamenti mensili ugwali (ai termini tal-Kap. 9 Art. 14(2)).

Tiskwalifikah milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' **13-il xahar.**

**V.G. Axiak** **Y.M. Pace**

**Maġistrat** **Dep. Reġistratur**